MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 756/2013

**Mobisle Communications Limited**

**C 24655**

**Vs**

**Schembri Edmond**

**ID 386753M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Novembru, 2013 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija tmienja u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€1,688.20) in konnessjoni ma servizz ta' kommunikazzjoni bin-numru 79648632 numru tal-kont A/C 51108387, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut..

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-6 ta' Gunju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf sitt mija tmienja u tmenin ewro u ghoxrin centezmu (€1,688.20) bl-imghax legali sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal- konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------